MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 2/2010/1

**Mary Caruana (I.D.36148(M), Jane Spiteri, Michael Caruana (I.D.820751(M), Edwin Caruana, u Marthese Celeste, Connie Schembri.**

**vs.**

**Giuseppe Abela u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2009 jawtorizza t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Giuseppi I.D. 63242(M), Alfred I.D. 477144(M), Carmelo I.D. 445445(M), Alfons ID.961350/M), Salvinu I.D.588552(M), Theresa I.D.934747(M), u Mary I.D.0022350(M) mart Leonard Bonnici.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Giuseppi, Alfred, Carmelo, Alfons, Salvinu, Theresa u Mary mart Leonard Bonnici, ilkoll ahwa Abela detenturi tal-karta ta l-identitajiet numri I.D. 163242(M), I.D. 477144(M), I.D. 445445(M), I.D. 961350(M), I.D. 588552(M), I.D. 934747(M), I.D. 0022350(M), rispettivament datat 29 ta' Jannar 2010 a fol a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi b'sentenza tal-Bord tal-Kera (Dok "A") tat-18 ta' Settembru 2009, fl-ismijiet **Mary Caruana, Jane Spiteri, Michael Caruana, Edwin Caruana, u Marthese Celeste, Connie Schembri vs Giuseppe Abela** u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2009 jawtorizza t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Giuseppi, Alfred, Carmelo, Alfons, Salvinu, Theresa, u Mary mart Leonard Bonnici, ilkoll ahwa Abela, per Magistrat Joseph Apap Bologna, l-atturi gew ordnati jizgombraw l-fond fi Triq il-Papa, Birzebbuga, u Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha, applikat il-ligi hazin, u dan peress illi naqset milli tapplika l-**artiklu 2 (c) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk jezistu cirkostanza ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi.

Illi jekk ma tigix sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenza imsemmija, dan ikun aktar pregudikali ghall-esponenti, milli ghall-konvenuti jekk ma tigix hekk sospiza.

Illi in effetti l-fond minn liema l-atturi gew zgumbrati jintuza mill-attur Salvinu Abela fil-gestjoni ta' negozju li ghandu b'numru ta' *coaches*.

Illi f'kaz li tigi esegwita s-sentenza in kwistjoni, l-esponent Salvinu Abela mhux ser ikollu fond minn fejn jopera dan in-negozju, huwa llegali li tiparkeggja l-*coaches* fit-triq, u konsegwentement, ikollu jxolji dan in-negozju.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni tas-sentenza msemmija mghotija fit-8 ta' Jannar 2010, u dan sakemm ma jkunx hemm l-ezitu finali tal-proceduri fir-ritrattazzjoni.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 18 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras tas-26 ta' Frar 2010 fejn peress illi din il-Qorti b' sentenza tat- 8 ta' Jannar 2010 iddefeniet il-meritu u peress illi r-rittattazzjoni hi ibbazata fuq inciz **Art. 811 (e) tal-Kap 12, il-Qorti rat Art. 743 tal-Kap 12,** astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-ritrattazzjoni, ordnat il-kancellement minn fuq il-lista tal-appell taghha u baghtet il-process lir-registratur biex dan jassenjah lill-iMhallef iehor.

Rat is-surroga datata 2 ta' Marzu 2010 mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Vincent De Geatano u din il-Qorti kif presjeduta b'digriet datat 3 ta' Marzu 2010 irriappuntat dan ir-rikors ghas-smigh ghas- 6 ta' Mejju 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti tas-6 ta' Mejju 2010 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Frank Cassar ghar-ritrattati u Dr. David Camilleri ghar-ritrattandi. Dr. Frank Cassar ghal Mary Caruana ddikjara li l-klijenti tieghu mhux se jkomplu l-esekuzzjoni qabel ma tinghata sentenza definittiva, u dan per prudenza. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija procedura ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza citata f'dawn l-atti peress li saru proceduri ta' ritrattazzjoni kif jirrizulta mir-rikors fl-ismijiet premessi datat ukoll 29 ta' Jannar 2010, liema procedura ta' ritrattazzjoni giet deciza wkoll illum u attwalment michuda,

u allura ssir riferenza ghall-istess decizjoni odjerna. *Stante* li dan huwa l-kaz tali talba odjerna ma tistax tintlaqa' ghaliex il-proceduri ta' ritrattazzjoni gew issa michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi **tichad it-talba kontenuta fir-rikors tad-29 ta' Jannar 2010** ta' Giuseppi Abela *et stante* li ma tistax tintlaqa' ghaliex il-procedura ta' ritrattazzjoni ndikata fl-istess rikors giet michuda b'decizjoni tallum stess.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Giuseppi Abela et.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------